MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2013

Avviz Numru. 254/2012

**F. (Advertising) Limited C27689**

**vs**

**John Bezzina**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur tas-socjeta' attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Lulju 2012 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' sitt elef, erbgha mija u tnejn u erbghin Ewro (€6,442) rapprezentanti ammont dovut minnu in konnessjoni ma' servizzi debitament rezi fuq inkarigu tieghu ai termini ta' skrittura privata ffirmata minnu u datata 14 ta' Marzu 2010.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra ufficjali prezentata a tenur tal-artikolu 166A, Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 11 ta' Jannar 2012 u ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat ma' dana l-att u bl-imghaxijiet legali

dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali sal-hlas effettiv ghas-saldu kontra l-konvenut minn issa ngunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li gietipprezentata fl-14 ta' Settembru 2012 li permezz taghha esebiet diversi dokumenti maghluqa f'faxxikolu mmarkat bhala Dok FA1 konsistenti f'numru ta' riklami maghmula mis-socjeta' attrici fuq diversi forom ta' media.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat skond riferta posittiva tal-Marixxall John Francica datata 19 ta' Frar 2013 fejn thalliet kopja tal-avviz fil-Kunsill lokali tas-Swieqi u fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan (fol.17 tergo).

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat skond riferta posittiva tal-Marixxall John Francica datata 9 ta' April 2013 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tal-konvenut (fol. 22 tergo).

Illi l-konvenut gie notifikat b'din il-kawza ukoll permezz ta' avvizi li dehru fil-Gazzetti tal-Gvern datati 27 ta' Marzu 2013 u 3 ta' Mejju 2013 (fol. 19 u 20) u fil-gazzetti lokali l-Orizzont datata 15 ta' Mejju 2013 u The Times datata 16 ta' Mejju 2013. (fol. 26 u 27)

Illi fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2013 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut.

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2013 l-konvenut gie msejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef, erba' mija u tnejn u erbghin ewro**

**(€6,442) likwidata minnha ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------